**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI, LL.D.**

**SEDUTA tal-10 ta' April, 2001.**

Citazzjoni numru 425/01 GC

**AIR MALTA p.l.c.**
**-vs-**
**WINGS CARGO LIMITED**

**Il-Qorti,**

**Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet:-**

Illi s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet elef u seba' u ghoxrin lira Maltija, u sitta u erbghin centezmi (LM3027.46) ghall-nol bl-ajru u servizzi ancillari somministrati;

Illi rrizulta illi c-cekkijiet emessi mis-socjeta' konvenuta ma gewx onorati billi din is-socjeta' ma kellhiex fondi fl-akkont bankarju;

Illi nonostante li giet interpellata ufficjalment l-istess socjeta' konvenuta baqghat inadempjenti;

Tghid ghalhekk l-istess socjeta' konvenuta l-ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:-

1) tiddeciedi skond it-talba tas-socjeta' attrici bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2) konsegwentement tikkundannaha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet elef u seba' u ghoxrin lira Maltija u sitta u erbghin centezmi (Lm3207.46) ghall-nol bl-ajru u servizzi ancillari prestati mis-socjeta' attrici.

Bl-interessi u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Settembru 2000 kontra s-socjeta' konvenuta ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta li biha ammettiet t-talbiet attrici kif dedotti fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici kif dedotti fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**Onor. Imhallef Gino Camilleri**

**Dep. Registratur**